**Kunsill Lokali Birgu**

Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166

e-mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

---

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Birgu

## Laqgħa Nru. 16(07)/2016

Data: 17 ta' Mejju, 2016

Hin: 5:15 pm

Post: Kunsill Lokali Birgu, Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu

---

Preżenti:
***Is-Sur John Boxall*** – *Sindku (attenda l-Laqgha fis-5:50pm)*
***Is-Sur Trevor Mizzi*** – *Viċi Sindku*
***Is-Sur Anton Gellel*** – *Kunsillier (fis-7:00pm talab li jigi skuzat)*
***Is-Sur Lawrence Attard*** – *Kunsillier*
***Is-Sur Eman Zerafa*** – *Kunsillier*
***Is-Sjra Tania Belfiore*** – *Agent Segretarju Eżekuttiv*

---

### AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Il-Progett tal-Upgrading tal-Bandli
5. Informazzjoni dwar il-Progett WELCOME
6. Xoghlijiet fil-Berga tal-Ingilterra;
7. Taghrif dwar il-Progett tar-Regatta u l-facilitajiet Sanitarji ghall-Uzu minn Persuni bi bzonnijiet Specjali,
8. Jum il-Birgu 2016;
9. Il-Kwestjoni tal-Gabbana fuq Belveder (fuq is-Simenta);
10. Approvazzjoni ghll-Hrug ta' Sejha ghall-Kwotazzjoni ghall-Ftuh u Gheluq tal-Foss Tal-Birgu;

11. Approvazzjoni mill-Gdid tal-Financial Statements ghas-Sena 2015;
12. Approvazzjoni ghall-Ittra ta' Risposta ghall-Management Letter ghas-Sena 2014;
13. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
14. Aġġornament.

**Minuti – *16*(07)/2016**

## Talba

Fl-assenza tas- Sindku, il-Vici Sindku Trevor Mizzi qal it-talba u ta bidu ghall- Laqgha numru 16(07).

### 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Il-Minuti tal-Hmistax (15) il-Laqgha tas-Sebgha Kunsill li gew iccirkulati mis-Segretarju Ezekuttiv qabel il-Laqgha numru 16, gew approvati b'mod unanimu.

### 2. Punti Mqajjma mill-Minuti

**2.1** Spunt Dwar il-Konferenza 'The Most Beautiful Villages in the Mediterranean' li saret f'Cisterino bejn is-16 u it-18 ta' Novembru, 2015 - Il-Vici Sindku nforma lil dawk presenti li sa dakinhar l-Kunsill ma rcieva l-ebda risposta minn din l-assocjazzjoni.

**2.2** Spunt mill-Korrispondenza mid-Dipartiment Propjeta' tal-Gvern rigward il-kont tad-dawl u l-ilma tal-Berga ta' Franza fejn l-istess dipartiment qieghed jitlob sabiex il-Kunsill ihallas is-somma ta' €11,967.06 u li kien hemm diskussjoni dwarha fil-laqgha precidenti - fuq domanda tal-Kunsillier Gellel, l-Agent Seg. Ezekuttiv Infurmat lill-Kunsill li l-hlasijiet dovuti li jammontaw circa €9,000 ghadhom ma bdewx jigu mhallsa.

**2.3** **Kwotazzjoni minghand Salvarti Co. Ltd rigward Pigeon Spike** – Il-Problema tal-hamiem fil-lokalita' li giet diskussa fil-laqgha precidenti- Il-Vici Sindku ha spunt minn dan is-suggett u qali li din il-problema hemm bzonn li tigi solvuta fl-immedjat. Huwa ssugerixxa li din il-problema ghandha tigi diskussa mad-Dipartment tas-Sahha, cioe' mal-Ufficcju Distrettwali tas-Sanita'. Gie diskuss il-metodu li bih possibilment tissolva din il-problema, cioe' l-eliminazzjoni tal-hamiem permezz tal-airguns. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li qabel ma jintuza dan il-metodu biex jigi eleminat il-hamiem, tintbaght notifika lir-resident sabiex dawk li jrabbu l-hamiem, ihallu l-hamiem taghhom maqfula gewwa.

**2.4** Spunt minn Notifika li tqassmet fir-residenzi kollha tal-Birgu sabiex jigu nfurmati li l-Kunsill ser ikun qed jahtar zaghzugh/a sabiex isservi bhala Ambaxxatur/ Ambaxxatrici taz-Zaghzagh mal-Kunsill Lokali tal-Birgu u min hu elegibbli u jixtieq jigi kkunsidrat ghal din il-pozizzjoni ghandu juri l-interess tieghu sal-Gimgha 11 ta' Marzu, 2016 – Wara li rrizulta li s-Sur Miguel Farrugia (l-unika persuna li wriet l-interess ghall-kariga ta' Ambaxxatur ghaz-Zaghzagh) ma huwiex elegibbli ghaliex diga' ghandu tmintax il-sena maghluqa, il-membri kollha presenti tal-Kunsill qablu b'mod unanimu li l-istess Kunsill ghandu jahseb f'persuna ohra eliggibbli ghal din il-pozizzjoni.

**2.5** Spunt mid-diskussjoni li saret fil-laqgha precidenti dwar korrispondenza li giet mibghuta lis-Sindki tat-tlett ibliet, tal-Kalkara u ta' Haz-Zabbar mis-Sindku John Boxall fejn issugerixxa li ssir talba konguta lill-Transport Malta sabiex fl-akwati jsir parkegg tal-Park and Ride minhabba l-problema tal-parkegg – Fuq domanda tal-Vici Sindku, lAgent Seg. Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li ma kienet waslet l-ebda twegiba fuq din it-talba minn Transport Malta.

**2.6** Korrispondenza elettronika mill-Kunsill lil CareMalta fejn il-Kunsill qieghed jinnomina lis-Sur George Agius ghall-Premju Nazzareno Vassallo ––Dan is-suggett gie diskuss fil-laqgha precidenti- Il Vici-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sur George Agius informa lill-Kunsill li filfatt is-Surg George Agius kien ir-rebbieh ghas-Sena 2016 tal-Prempju Nazzareno Vassallo. Il-premjazzjoni saret fil-Palazz Verdala fit-12 ta' Mejju, 2016.

**2.7** Gita' ta' Erbat Ijiem fi Sqallija Organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Birgu – L-Agent Segretarju Ezekuttiv informat lill-Kunsill li qed ikun hemm konkorrenza tajba minn nies li jridu jibbukjaw ghal din il-gita.

**2.8** **Spunt minn Korrispondenza minghand Norbert Gatt rigward l-installazzjoni tal-istairlift gewwa l-Foss li nqrat fil-laqgha precidenti.** – Il-Vici Sindku ppropona li l-kwestjoni tal-istairlift tigi diskussa fil-prezenza tas-Sindku minhabba li huwa s-Sindku li ghandu l-informazzjoni kollha fuq dan is-suggett.

**2.9** **Spunt minn Korrispondenza mibghuta mill-Kunsill lill-Perit Audrey Testaferrata Denoto rigward il-parkegg riservat ghat-tabib u n-ners tal-berga fil-pjazza li nqrat fil-laqgha precidenti.** – Il-Vici Sindku u l-Kunsilliera kollha prezenti qablu b'mod unanimu li l-kwestjoni fuq in-numru ta' mwejjed u siggijiet tal-Cafe du Brazil issa giet solvuta.

**2.10** **Spunt mid-diskussjoni li saret fil-laqgha precidenti wara r-rizenja tas-Sjra Anne Marie Parsons**- L-Agent Seg. Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li wara li ma kienx hemm wisq ghazla mill-intervisti li saru minn dawk li jirregistraw f'Part 1, ghax zewg persuni biss gew ghall-intervista, il-Kunsill hass li kellu jitlob il-lista ta' dawk li jaqghu taht Part 2. I-Kunsill gie nfurmat ukoll li l-applikazzjonijiet

jaghlqu fil-21 ta' Mejju, 2016 u li sa dakinhar il-Kunsill ircieva zewg applikazzjonijiet biss.

## 3. Korrispondenza

**3.1** **Stedina permezz ta' Korrispondenza elettronika minghand Charles Flores (Kumitat ghar-Riabilitazzjoni tal-Kottonera u l-Kalkara) sabiex Jum il-Kottonera jerga' jinghata l-hajja.** Wara din l-istedina giet diskussa mill-Kunsill intlahaq qbil unanimu fuq il-kuncett ta' din l-inizjattiva.

**3.2** **Notifika minghand l-ETC rigward il-bidu ta' impjieg tas-Sjra Ethel Zammit mal-Kunsill Lokali tal-Birgu.** L-Agent Seg. Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li permezz ta' din in-notifika wiehed jiehu spunt minnha u tintalab approvazzjoni ta' konferma ta' impjieg tas-Sijra Zammit li issa ghalqet sitt xhur tahdem f' hdan il-Kunsill. Wara li l-Vici Sindku talab lill-Agent Seg. Ezekuttiv l-opinjoni fuq is-Sjra Zammit, l-Agent Seg. Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li hi sodisfatta hafna bil-prestazzjoni tas-Sjr Zammit. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jikkonferma l-impjieg tas-Sjra Zammit.

**3.3** **Notifika minghand id-DLG rigward Impjieg ta' Persuna b'dizabilita' Part-time bhala Clerical Support mal-Kunsill b'dizabilita'.** Il-Kunsill Lokali tal-Birgu jaqbel b'mod unanimu li tigi mpjegata persuna b'dizabilta' fuq bazi part-time fi hdan il-Kunsill.

**3.4** **Wirja ta' interess minn naha tal-kunsill sabiex jippartecipa fil-progetti "Your Culture" Partnership Building Seminar u Call ERASMUS+Sport: Collaborative Partnerships**

*5:50 pm : F'dan l-istadju, is-Sindku, is-Sur John Boxall inghaqad mal-Bqija tal- Kunsilliera ghal-Laqgha tal-Kunsill u ha postu sabiex ikmpli jmexxi l-laqgha.*

**3.5** **Notifika dwar id-decizjoni favorevoli li ttiehdet mill-MEPA rigward ix-xoghlijiet u l-instalazzjoni ta' lift gewwa l-Berga tal-Ingilterra**

**3.6** **Notifika minghand il-Planning Authority (Fund Division) fejn il-Kunsill gie nfurmat li s-somma tal- Urban Improvement Fund (UIF) tammonta ghall-€20,848.40.** Is-Sindku informa lill-Kunsill li dan is-suggett jorbot mal-Progett tal-Upgrading tal-Bandli, liema progett huwa nkluz fl-agenda.

**3.7** **Kopja tal-applikazzjoni tal-Kunsill ghall-progetti li jaqghu taht l-iskema ta' fondi tal-ERDF.** Il-Kunsill gie mgharraf mis-Sindku li l-pannelli li jsir isiru fil-Berga tal-Ingilterra ser isiru permezz ta' din l-iskema. Il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi staqsa jekk jistghux jigu nkluzi pannelli addizzjonali ghall-Berga ta' Franza. L-Agent Seg. Ezekuttiv giet mitluba mill-Kunsill sabiex tigbor informazzjoni rigward dan.

**3.8** **Talba minghand Jessica Mifsud sabiex tinghata l-permess tarma' stand bl-ikel.** Wara li t-talba tas-Sjra Mifsud giet diskussa mill-Kunsill, l-istess kunsill approva b'mod unanimu din it-talba.

**3.9** **Notifika u talba ta' permess minghand il-Green Mt sabiex fin-nofs ta' nhar ta' filghodu tas-Sibt 14 ta' Mejju, 2016 tittella' l-attivita' Birgu Rcycle Day gewwa l-pjazza tal-lokalita'.** Il-Kunsillier Eman Zerafa, li kien ha l-inkarigu ta' din l-attivita', informa lill-Kunsill li t-tali attivita' marret tajjeb hafna. Informa wkoll lill-Kunsill li ghal din l-attivita' il-Green Mt gabu ghad-dispozizzjoni tar-residenti skip wahda ghal hgieg u van ghal affarijiet elettronici.

**3.10** **Stedina minn naha tal-Kunsill lill-Ministeru tal-Edukazzjoni sabiex l-iskejjel kollha tal-istat jigu mistiedna jattendu ghall-attivitajiet tal-Birgufest 2016.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza giet diskussa waqt il-laqgha tas-Sottokumitat tal-Birgufest 2016. Is-Sindku nforma lill-kunsill li huwa, flimkien ma' Christine Catania, kien ser jattendi laqgha fuq dan is-suggett mal-Ministeru tal-Edukazzjoni fil-granet qarib.

**3.11** **Kopja tat-talba li ntbaghtet lill-Ministeru tat-Transport sabiex il-parkegg f'zona f'Tal-Hawli ikun riservat ghar-residenti.** L-Agent Seg. Ezekuttiv informat lill-Kunsill li sa dak inhar ma kienet waslet l-ebda risposta minn naha tal-Ministeru tat-Transport

**3.12** **Talba minghand it-TCTC sabiex jigi iffirmat il-Community Training Project Agreement 4KIDS, ghat-taghlim tal-komputer fis-Sajf 2016 ghat-tfal.** Wara li l-Agent Seg. Ezekuttiv spjegat fid-dettal x'jinvolvi dan il-ftehim bil-miktub mit-TCTC, il-Kunsill iddiskuta dan is-suggett fid-dettal u gie deciz b'mod unanimu li s-somma mitluba mit-TCTC , cioe €1,150, tigi ridotta ghal €400.

**3.13** **Korrispondenza minghand Clay Club (fi hdan ALKA Ceramics) fejn qeghdin jitolbu lill-Kunsill jikkunsidra taghlim fit-tafal kemm ghall-adulti kif ukoll ghat-tfal fis-Sajf 2016. Il-Clay Club qed joffri li jekk it-taghlim ma jsir fil-binja tal-Kunsill, hemm il-possibilita' li jsir gewwa l-kumpless taghhom f'Ta' Qali.** Wara li saret diskussjoni dwar dan is-suggett, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jhalli din it-talba pendenti.

**3.14** **Korrispondenza mid-DLG ejn qieghed jistieden lill-Kunsill ghal seminar informattive rigward il-progett 'The Strategy for Innovation and Good Governance at Local Level and the European Label of Governance Excellance". Dan is-seminar ser isir fl-24 ta' Gunju, 2016.** Wara li dan is-suggett giet diskuss mill-Kunsill, intlahaq qbil unanimu li ghal dan is-seminar tattendi s-Sjra Lara Mascena flimkien ma' rapprezentanza minn naha tal-Kunsill.

**3.15** **Kopja tal-applikazzjoni ghall-fondi mill-iskema Urban Improvement Fund (UIF) ghall-Upgrading tal-Bandli u immagini ta' kif possibilment ser ikunu l-bandli gewwa l-play area.** Is-Sindku pogga fuq il-mejda 2 immagini diversi (A u B) ta' kif possibilment ser ikunu l-bandli ghall-approvazzjoni tal-bqija tal-Kunsill. Dan wara li l-Kumpanija Alf. Mizzi baghtet rapprezentant taghha sabiex jara liema l-ahjar bandli li ghandhom jitwahhlu. B'decizjoni unanima, il-Kunsill approva l-immagini A.

Intant il-Kunsill qabel b'mod unanimu li dan is-suggett li jinsab ukoll fuq l-agenda, jigi diskuss f'dak il-waqt.

Is-Sindku qal li huwa ddiskuta l-ispejjez tal-upgrading tal-bandli mal-Ministru tat-Transport, fejn dan tal-ahhar wera li l-Ministeru tieghu kien ser ikun ta' ghajnuna sabiex l-upgrading tal-bandli jsir. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-bandli ser isiru specifikament ghal tfal ta' eta' zghira hafna sa 10 snin. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ttiehed il-pass sabiex l-applikazzjoni mal-MEPA ghal upgrading tal-bandli tiggedded ghal sena ohra.

**3.16** **Kopja tad-dokument originali tad-decizjoni favorevoli li ttiehdet mill-MEPA li tikkoncerna l-latrina pubblika tat-Toqba u l-access ghaliha minn persuni b'dizabilita'.**

Dan is-suggett li jinsab ukoll fuq l-agenda, gie diskuss f'dak il-waqt.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li f'diskussjoni li kellu mal-Perit Joe Cassar, f'isem il-Kunsill huwa wera x-xewqa li r-responsabilita' ta' din il-latrina tinghata lill-Fundazzjoni Public Partnership, li taghha l-Perit Cassar huwa ic-Cermen. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Perit Cassar deher li qabel mal-inizjattiva li r-responsabilita' tal-latrina taqa' f'idejn il-fundazzjoni. Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li huwa talab ghajnuna finanzjara minghand din il-fundazzjoni. Finalment

is-Sindku qal li tkun ideja tajba jekk wiehed jiddiskuti mal-Ministeru tat-Transport sabiex din il-latrina tigi nkluza max-xoghlijiet li ser isiru fil-klabb tar-regatta.

3.17 **Formularju ghall-Post Vakanti fi hdan il-Kunsill tal-iskema Community Inclusive Employment tal-ETC.** Wara li dan is-suggett gie diskuss minn kollha presenti, gie deciz li l-persuna li eventwalment tkun maghzula isservi gewwa l-librerija tal-lokalita' fil-grad ta' clerical support.

3.18 **Korrispondenza u Kopja tal-applikazzjoni li l-Kunsill ghamel sabiex jissieheb fil-Progett PortHarboursmart flimkien mal-Fundazzjoni Temi Zammit.** Is-Sindku beda biex informa lill-Kunsill li din –applikazzjoni giet iffirmata mill-Agent Seg. Ezekuttiv fl-assenza tieghu waqt li hu kien fuq zjara ufficcjali barra minn Malta. Hu nforma lill-Kunsill li ta l-approvazzjoni lill-Agent Seg. Ezekuttiv sabiex tiffirma din l-applikazzjoni permezz ta' telefonata li saret bejnu u bejn l-Agent Seg. Ezekuttiv. Hu spjega li l-kofinanzjament ta' dan il-progett hu ta' 19,500 Euro, u li dan l-ammont ser ikun assorbit fi staff costs.

3.19 **Korrispondenza minghand Charles Flores ((Kumitat Riabilitazzjoni tal-Kottonera) rigward inventarju ta' siti u binjiet storici fl-ibliet tal-Kottonera.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa jhoss li l-Birgu qieghed jithalla' barra minn dan il-kumitat. Intant, il-Kunsillier Lorry Attard informa lill-Kunsill li waqt laqgha li saret ta' dan il-kumitat, kien hemm approvazzjoni li tigi kkonservata l-istatwa ta' San Filippu.

3.20 **Korrispondenza mibghuta mill-Kunsill lill-Ministeru tal-Edukzzjoni u Xoghlijiet sabiex is-Sur Ivan Zammit jigi assenjat fi hdan l-RSSL , fil-Kunsill Lokali tal-Birgu.**

3.21 **Sensiela ta' korrispondenza bejn il-Kunsill u entitajiet ohra li tikkoncerna gemellagg bejn it-tlett ibliet tal-Kottonera u u il-belt ta' Beyoglu (Istanbul), it-Turkija.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li d-DLG talab lit-tlett ibliet tal-Kottonera wirja ta' nteress ghall gemell mal-belt ta' Beyoglu, il-Kunsill tal-Birgu irrisponda b'wirja posittiva, cioe' wera x-xewqa li dan il-gemellagg isehh. Intant huwa qal li jhossu dizappuntat li l-lokalita' tal-Isla qed tipprova tahdem ghal rasha b'tali mod li qeda teskludi liz-zewgt ibliet l-ohra tal-Kottonera, fosthom il-Birgu minn diskussjonijiet fuq dan il-gemellagg.

4. Taghrif dwar il-Progett tar-Regatta u l-facilitajiet Sanitarji ghall-Uzu minn Persuni bi bzonnijiet Specjali

Dan is-suggett diga' gie diskuss aktar kmieni fil-aqgha u mminutat aktar il-fuq f'dawn il-minuti.

5. Il-Kwestjoni tal-Gabbana fuq Belveder (fuq is-Simenta)

Il-Kunsillier Eman Zerafa pogga fuq il-mejda korrispondenza li huwa rcieva minghand is-Sjra Ritienne Stanyer rigward il-kwestjoni tal-gabbana fuq Belveder (fuq is-Simenta). Kopja ta' din il-korrispondenza giet mibghuta wkoll lill-Vici Sindku u lill-Kunsillier Anton Gellel. Intant, is-Sindku informa lill-Kunsill li la hu personali u l-anqas il-Kunsill ma rcevew l-ebda korrispondenza minghand is-Sjra Stanyer u ghalhekk ma kienx f'pozizzjoni li jiddiskuti l-kontenut ta' din il-korrispondenza. Is-Sindku ppropona li dan is-suggett jigi diskuss fil-laqgha li jmiss. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mal-proposta tas-Sindku.

Intant, il-Vici Sindku talab lill-Agent Seg. Ezekuttiv sabiex fil-laqgha li jmiss tipproduci Minuti tal-Laqgha 19 (06) li jgibu d-data tat-22 ta' Awwissu, 2013, liema minuti gew imsemmija fil-korrispondenza tas-Sjra Stanyer. Il-Vici Sindku ppropona li l-Kunsill ghandu jitlob l-ghajnuna legali tal-avukat tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mal-propost tal-Vici Sindku.

6. Upgrading tal-Bandli

Dan is-suggett diga' gie diskuss aktar kmieni fil-laqgha u mminutat aktar il-fuq f'dawn il-minuti.

7. Informazzjoni Dwar il-Progett WELCOME

Is-Sindku fetah din id-diskussjoni billi wera d-disappunt tieghu li hlief il-Kunsillier L Attard, hadd ma ppartecipa fil-konferenza ta' dan il-progett li saret lokalment. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera sabiex jinvolvu ruhhom aktar fil-progetti. Intant, il-Vici Sindku informa lis-Sindku li ghalih kien impossibbli li jattendi ghaliex kin Ghawdex ghall-Laqgha Annwali tas-Sindki.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dan il-progett wasal fl-ahhar fazi tieghu, u li l-ahhar zewg konferenzi tieghu ser isiru gewwa l-Latvja u l-Ungerija.

Is-Sindku qal li xtaq jiehu l-okkazzjoni sabiex f'isem il-Kunsill, juri l-apprezzament lejn is-Sjra Lara Mascena, is-Sur JC Azzopardi, is-Sjr. Lorraine Spiteri kif ukoll lejn is-Sur Lawrence Parascandalo.

## 8. Xoghlijiet fil-Berga tal-Ingilterra

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-istess kunsill gie nfurmat mis-Seg. Parlamentari ghall-Anzjani li l-ftuh ufficcjali tal-Ageing Activity Hub ser isir nhar il-25 ta' Mejju, 2016.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ghad hemm bosta xogholijiet li ghadhom iridu jitlestew u li l-Kunnsill qieghed taht pressjoni kbira sabiex dawn ix-xoghlijiet jitlestew fil-hin.

Is-Sindku sahaq mal-Kunsilliera sabiex imorru jzuru l-Berga tal-Ingilterra sabiex jaraw ezattament x'qieghed isir.

## 9. Jum il-Birgu 2016

Is-Sindku fetah id-diskussjoni billi nforma lill-Kunsill li sa issa ghad ma hemm xejn ippjanat u li jkun ghaqli jekk wiehed jibda jahseb fuq din l-attivita'. Ntant fuq qbil unanimu, gie deciz li l-attivita' ta' Jum il-Birgu 2016, issir fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokjali ta' San Lawrenz.

Is-Sindku ha spunt minn din id-diskussjoni u ppropona li s-Sjra Lara Mascena tibda tibghat b'mod regolari l-Minuti tal-laqghat tas-Sotto Kumitat tal-Birgufest 2016 lill-membri tal-istess sotto kumitat. Il-Kunsill, b'mod unanimu qabel mal-proposta tas-Sindku. Intant, is-Sindku sahaq ukoll li s-Sotto Kumitat qatt ma ghandu jiehu decizjonijiet izda li jwassal is-suggerimenti tieghu lill-Kunsill.

## 10. Approvazzjoni ghall-Hrug ta' Sejha ghall-Kwotazzjoni ghal Ftuh u Gheluq tal-Foss tal-Birgu

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa jhoss li minhabba problemi finanzjarji, ikun ghaqli jekk il-hrug ta' din il-kwotazzjoni ghalissa tinzamm fuq l-ixkaffa. Il-bqija tal-membri tal-Kunsill prezenti f'din il-laqgha qablu unanimament mal-proposta tas-Sindku.

## 11. Approvazzjoni mill-Gdid tal-Financial Statement ghas-Sena 2015

Is-Sindku is-Sur John Boxall ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni mill-gdid tal-Financial Statements ghas-Sena 2015. Dan wara li l-Kunsill gie mitlub mill-kumpanija tal-awdituri Grant Thornton sabiex japprova mill-gdid il-Financial Statement ghas-Sena 2015 li kien gie approvat mill-istess Kunsill fil-Laqgha 13 (07) tad-9 ta' Frar, 2016.

Ir-Rapport Finanzjarju ghas-Sena 2015 rega' gie approvat u unanimament mill-gdid minn dawk prezenti.

## 12. Approvazzjoni tal-Ittra ta' Risposta ghall-Management Letter ghas-Sena 2014

Wara li l-Agent Seg. Ezekuttiv iccirkulat kopja ta' dan id-dokument, fuq decizjoni intlahaq ftehim li qabel dan id-dokument jigi approvat, is-Sindku, il-Vici Sindku u s-Sindku jaqrawh bil-kwiet u li l-approvazzjoni tieghu issir fil-laqgha li jmiss.

Rigward dan id-dokument, l-Agent Seg. Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li ghad li dak id-dokument kien eventwalment ser jigi iffirmat minnha, hija ghamlietha cara li l-kummenti u n-nuqqasijiet li saru fis-sena 2014 ma kienux jaqghu taht ir-responsabilita' tagha minhabba l-fatt li l-impjieg taghha fi hdan il-Kunsill beda fi Frar 2015.

## 13. Approvazzjoni tal-Pagamenti

Is- Sindku, is-Sur John Boxall, ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti Nru. 5 li tkopri c-cekkijiet bin-numri, HSBC 9553-9560, BOV 2901, 2906 – 2972 u BANIF 489651, 489655 - 489660. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti nr 5 li tkopri hlasijiet li saru bejn il5 ta' April, 2016 u s-17 ta' Mejju, 2016.

## 14. Aggornament

Il-Laqgha 16(07) tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ntemmet fit-8:00 pm (tmienja ta' filghaxija).

.

| _________________________ | ____________________________ |
|---|---|
| Tania Belfiore | John Boxall |
| Agent Segretarju Ezekuttiv | Sindku |

*Approvati llum ...................................................*